GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR261894	11.11.2026	2

STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

L-Ispeaker jipparteċipa fil-Paris Peace Forum u jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali u tat-tisħiħ tad-demokrazija u s-sigurtà permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Carmelo Abela, ipparteċipa fil-Paris Peace Forum 2026, li sar f'Pariġi fl-10 ta' Novembru 2026, fejn ħa sehem f'żewġ diskussjonijiet li indirizzaw sfidi fundamentali għas-soċjetajiet tal-lum: is-sigurtà tat-tfal fl-ambjent diġitali u l-bilanċ bejn is-sigurtà nazzjonali, id-demokrazija u l-protezzjoni tal-ftehimiet kollettivi.

Fl-ewwel sessjoni, "Too Young to Scroll? Making the Digital World Safe by Design", l-Ispeaker enfasizza li t-tfal għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet li toffri t-teknoloġija mingħajr ma jkunu esposti għal riskji li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà, is-saħħa mentali u l-iżvilupp tagħhom.

Huwa semma fost l-isfidi ewlenin is-cyberbullying, l-esponiment għal kontenut dannuż, l-isfruttament onlajn, il-ħin eċċessiv quddiem l-iskrins u l-pressjonijiet marbuta mal-midja soċjali. Sostna li t-tfulija m'għandhiex tkun issagrifikata għall-interessi kummerċjali tal-pjattaformi diġitali.

Waqt li rrefera minn studji li saru f'Malta dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-midja soċjali mit-tfal, Abela enfasizza dwar l-isfidi prattiċi marbuta mal-verifika tal-età, il-privatezza u l-possibbiltà li t-tfal jevitaw ir-restrizzjonijiet imposti.

L-Ispeaker saħaq li l-protezzjoni tat-tfal onlajn ma tistax tiddependi biss fuq leġiżlazzjoni jew restrizzjonijiet. Jeħtieġ approċċ komprensiv li jinvolvi lill-gvernijiet, lill-ġenituri, lill-edukaturi u, b'mod partikolari, lill-kumpaniji tat-teknoloġija.

Fit-tieni impenn tiegħu, l-Ispeaker fetaħ ir-roundtable intitolata "Defending Without Dividing: Parliaments Between Security and Social Contracts", li ffukat fuq ir-responsabbiltà tal-parlamenti li jsibu bilanċ bejn il-ħtiġijiet tas-sigurtà u dawk soċjali, f'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi, kompetizzjoni strateġika u bidliet teknoloġiċi mgħaġġla.

Fl-intervent tiegħu, l-Ispeaker saħaq li s-sigurtà ma tistax titkejjel biss f'termini militari. Filwaqt li kapaċitajiet ta' difiża kredibbli huma essenzjali għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-pajjiżi, is-sigurtà fit-tul tiddependi wkoll minn istituzzjonijiet reżiljenti, koeżjoni soċjali, stabbiltà ekonomika u l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi tagħhom.

L-Ispeaker irrimarka wkoll li s-sigurtà u l-investiment soċjali m'għandhomx jitqiesu bħala prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin. Għall-kuntrarju, servizzi pubbliċi ta' kwalità, fosthom is-saħħa, l-edukazzjoni u l-

protezzjoni soċjali, flimkien ma' finanzi pubbliċi responsabbli u politiki effettivi ta' sigurtà, huma elementi li jsaħħu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetajiet aktar reżiljenti.
Fid-diskors tiegħu, Abela enfasizza wkoll l-importanza tad-diplomazija, tad-djalogu u tal-multilateraliżmu bħala strumenti indispensabbli għall-prevenzjoni tal-kunflitti u ż-żamma tal-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Sostna li l-kapaċitajiet ta' difiża u t-tħejjija nazzjonali għandhom jimxu id f'id ma' sforzi diplomatiċi u inizjattivi paċifiċi permezz ta' istituzzjonijiet u mekkaniżmi internazzjonali.

B'referenza għall-pożizzjoni ta' Malta, huwa qal li s-sigurtà tal-pajjiż hija marbuta mill-qrib mal-kooperazzjoni internazzjonali, ir-rispett lejn id-dritt internazzjonali, il-multilateraliżmu effettiv u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim. F'dan il-kuntest, enfasizza r-rwol importanti tad-diplomazija parlamentari fil-bini tal-fiduċja, it-tisħiħ tad-djalogu u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn pajjiżi u bejn fehmiet politiċi differenti.

Huwa wissa wkoll dwar l-implikazzjonijiet tat-teknoloġiji emerġenti, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, it-theddid ibridu u r-rwol dejjem jikber ta' atturi mhux statali fil-qasam tas-sigurtà. Sostna li r-rispons għal dawn l-isfidi għandu jkun effettiv u jħares 'il quddiem, iżda dejjem mibni fuq il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali.

Fl-għeluq tal-intervent tiegħu, l-Ispeaker saħaq li l-isfida mhijiex biss li niddefendu lil pajjiżna, iżda li niżguraw li l-mod kif nagħmlu dan isaħħaħ, u mhux idgħajjef, il-valuri demokratiċi u r-rabtiet soċjali li jagħtu leġittimità lill-istituzzjonijiet tagħna.

Iż-żewġ interventi tal-Ispeaker fil-Paris Peace Forum 2026 tennew il-ħtieġa ta' responsabbiltà kondiviża, kooperazzjoni internazzjonali u tmexxija bbażata fuq il-valuri umani u demokratiċi. Kemm fil-protezzjoni tat-tfal fid-dinja diġitali kif ukoll fit-tisħiħ tas-sigurtà u l-istabbiltà tas-soċjetajiet, il-messaġġ ewlieni kien li l-progress teknoloġiku u s-sigurtà għandhom dejjem ikunu ta' servizz għall-bniedem, filwaqt li jiġu mħarsa d-dinjità, id-drittijiet u l-benesseri ta' kulħadd.

Filgħaxija, l-Ispeaker Abela kien fost il-mistiedna distinti li attendew għall-ikla uffiċjali organizzata mill-President tar-Repubblika Franċiża, Emmanuel Macron.